**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) Ph.D**

**Appell Nru: 114/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Elton Cutajar**

**<u>Illum, 10 ta' April 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Elton Cutajar** detenur tal-karta tal-identita Maltija 143690M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fid-19 ta' Frar, 2013 u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data

1. Ipproduca, biegh jew xort'ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi dina r-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tieghu;
3. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-

Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tieghu;

4. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-3 ta' Marzu, 2023, fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u illiberatu minnha u sabitu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha (u dan b'referenza biss ghad-19 ta' Frar, 2013) u kkundannatu ghall-piena ta' seba' xhur prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa ta' €900, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-appellant b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro €100.

B'dan illi jekk l-appellant jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija skond il-Ligi.

In olte ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' zewġ terzi tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal u fil-proceduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, ossia s-somma ta' erbatax-il ewro u sitta u tletin centezmu (€14.36), rapprezentanti zewg terzi tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 465 Daniel Abela, is-somma ta' tnejn u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€92.68), rapprezentanti zewg terzi tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 826 Matthew Parnis, u s-somma ta' mitejn, hamsa u sittin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€265.55), rapprezentanti zewg terzi tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, b'kollox ammontanti tali spejjez ghas-somma ta' tliet mija, tnejn u sebghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€372.59).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Elton Cutajar, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1. Tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

2. Thassarha in kwantu sabitu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena;

3. B'mod sussidjarju, tannulla d-digriet tal-ewwel Onorabbli Qorti ta' nhar it-30 ta' Gunju, 2019 fejn cahdet it-talba tal-appellant illi tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga;

4. B'mod sussidjarju, fl-eventwalita' li t-tieni talba ma tigix akkolta, li tibdel il-piena mposta ghal piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

A. **<u>Dwar l-Apprezzament tal-Provi</u>**

**A.1 Generali**

L-appellant bir-rispett jishaqq illi fl-istadju tal-gharbiel tal-provi kollha fl-assjem taghhom, kien jinkombi fuq l-ewwel Onorabbli Qorti illi tiehu konjizzjoni ta' numru ta' nuqqasijiet fil-provi pprezentati fil-mori ta' dawn il-proceduri penali quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati, liema nuqqasijiet, kif sejjer jigi ampjament spjegat f'dan l-umli appell, certament joholqu dubbji ragjonevoli fit-tezi tal-prosekuzzjoni, liema dubji, a bazi tal-massima *in dubio pro reo* kellhom jigu interpretati a favur tal-appellant odjern.

Il-*lurking doubt* li ghalih jirreferu Blackstone, Archbold u l-gurisprudenza nostrana evidentement jezisti fil-kaz odjern u dan fid-dawl tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilhaq il-livell rikjest mil-Ligi u cioe dak ta' *beyond reasonable doubt.*

## A.2 Dwar nuqqasijiet marbuta mac-'Chain of Evidence'

Ghall-ahjar kjarezza tal-hsieb, bhala punt inizzjali, huwa fundamentali illi jigi pprecizat illi kemm il-kuncett ta' '*chain of evidence*' kif ukoll il-frazi '*chain of custody*' jintuzaw alternattivament.

In vista ta' dan l-aggravju, referenza ghad-definizzjoni tal-kuncett ta' '*chain of custody*' hija wahda essenzjali. L-awtur amerikan Robert Longley jiddefinixxi dan il-kuncett bhala:

> *"a chronological paper trail documenting when, how, and by whom individual items of physical or electronic evidence — such as cell phone logs — were collected, handled, analyzed, or otherwise controlled during an investigation. Under the law, an item will not be accepted as evidence during the trial — will not be seen by the jury — unless the chain of custody is an unbroken and fully documented trail without gaps or discrepancies. In order to convict a defendant of a crime, the evidence against them must have been handled in a meticulously careful manner to prevent tampering or contamination."*

Brezinski u Killalea fil-linji gwida *'Guidelines for Evidence Collection and Archiving'*[1] jiktbu:

> ***"3.1 Transparency - The methods used to collect evidence should be transparent and reproducible….***
>
> ***4.1 Chain of Custody - You should be able to clearly describe how the evidence was found, how it was handled and everything that happened to it. The following need to be documented***

[1] https://www.rfc-editor.org/rfc/rfc3227.txt

- *Where, when, and by whom was the evidence discovered and collected.*
- *Where, when and by whom was the evidence handled or examined.*
- *Who had custody of the evidence, during what period. How was it stored.*
- *When the evidence changed custody, when and how did the transfer occur (include shipping numbers, etc.)."*

Illi l-procedura adoperata sabiex jigu analizzati l-allegati sustanzi misjuba fil-vettura misjuqa huwa propju riflessjoni tan-nuqqas ta' osservanza tal-istess principji tac-chain of custody mill-prosekuzzjoni.

Nuqqasijiet illi certament la kellhom jigu mimmlija u/jew interpretati b'kongetturi mill-Prosekuzzjoni u wisq anqas b'assunzjonijiet maghmula mill-ewwel Onorabbli Qorti.

**A.2.1 Dwar l-elevar tar-reperti mill-vettura sal-wasla tar-reperti gewwa l-ghassa tan-Naxxar**

Jinsab maqbul u ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-ispezzjoni gewwa l-vettura tal-appellant saret minn PC660 Alex Mifsud kif ukoll minn PC899 John Paul Vella.

PC899 John Paul Vella xehed quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti nhar is-7 ta' Ottubru, 2015. PC899 xehed illi;

*"Kien hemm vettura Volkswagen Golf bajda u zewg min-nies go fiha. X'hin waqafna biex naraw min kien hemm go fiha u x'kienu qed jaghmlu dawn dehru jahbu xi haga u nzilna biex inkellmuhom"*[2]

PC899 Vella jkompli jixhed illi:

> *"Fin-naha tax-xufier li kien is-Sur Elton Cutajar li qed naghraf hawn hekk fl-awla bhala l-imputat kien hemm pakkett tas-sigaretti Pall Mall bi 8 stikek kannella. Kien hemm plastic container ukoll li fuqu kellu miktub 'Ultimate Speed' fejn go fih kien hemm pouch iswed li kien fih 16-il pakkett ta' sustanza hadranija. U kif ukoll fl-istess naha kien hemm 7 pakketti vojta tal-plastic u grinder zghir fejn iqattghu l-haxixa fih. Fin-naha tal-passiggier li kien jismu Wayne Calleja, mal-art fejn saqajh fuq it-tapit tal-art kien hemm joint u f'nofs id-dashboard taht l-istereo kien hemm zewg stikek ohra"*[3]

Min-naha l-ohra PC660 Alex Mifsud illi ddepona nhar is-16 ta' Dicembru, 2015 xehed illi:

> *"X'hin konna dehlin patrol nnutajna Volkswagen Golf bajda bin-numru ABP373"*[4]

> *"Xhud: … Fil-vettura PC899 eleva kollox, kien hemm xi 8 stikek kannella suspettati li huma cannabis*

[2] A fol. 95 tal-Atti Processwali
[3] A fol. 96 tal-Atti Processwali
[4] A fol. 116 tal-Atti Processwali

*Qorti: Fejn kienu qeghdin dawn?*

*Xhud: Mal-bieba tan-naha tax-xufier.*

*Qorti: Go pakketti jew mikxufin?*

*Xhud: Kienu qeghdin go xi pakkett tal-Pall Mall jekk mhux sejjer zball imma s-search ghamilha PC899"*[5]

Sussegwentament nhar is-16 ta' Dicembru, 2015 xehed ukoll PS839 Stephen Micallef fejn matul id-deposizzjoni tieghu ghamel referenza ghall-PIRS report ezebit a fol. 50 tal-atti processwali, liema rapport gie mhejji minn PS839.

Skond l-istess rapport:

*"A search was also effected in car number ABP373 in the presence of Elton Cutajar where in the front right door panel a packet of cigarettes make pall mall was found and inside there were 8 pieces of brownish colour sticks, 1 blue plastic container having a sticker on it saying ultimate speed which contained 1 black pouch (glasses) having written 'Emporio Armani' on it and inside same there were 16 small sachets having some green grass inside each of them, 1 small paper bag having Vascas written on it and inside there were 7 empty small plastic bags and a small tin grinder. On the passenger's side on the mat the police also found 1 joint and from the centre console just under the stereo another 2 brownish sticks were found and a pack of rouches."*[6]

---

[5] A fol. 117 tal-Atti Processwali

[6] A fol. 51 u 52 tal-Atti processwali

Matul id-deposizzjoni tieghu, PS839 xehed illi:

> *"Jien min-naha tieghi,huma gew l-ghassa, gew flimkien mal-persuni li kienu certu Elton Cutajar u Wayne Calleja fejn pprezentawli diversi oggetti relatati mad-droga bhal resina tal-cannabis u xi cigarette butts u anke xi haxixa, ghandi kollox fid-dettall jien stess"*

Ghalkemm PS839 jixhed illi lilu gew mghoddija diversi sustanzi hekk kif indikati fir-rapport u minkejja l-fatt illi PC660 Alex Mifsud xehed illi effettivament kien PC899 illi eleva tali oggetti u wassalhom ghand PS839, PC899 matul id-deposizzjoni tieghu ghalkemm jiddeponi illi effettivament kien hu illi ghamel l-ispezzjoni fil-vettura, madanakollu tifli kemm tifli l-atti processwali, bl-ebda mod u manjiera ma jirrizulta illi PC899 effettivament jikkonferma illi fil-fatt huwa ghamel hekk.

**<u>Huwa propju dan li kien jispetta mill-Prosekuzzjoni meta qeghdin nitkellmu fuq ic-chain of evidence li propju il-persuna illi eleva l-allegati sustanzi illeciti jikkonferma bil-gurament tieghu x'eleva, x'ghamel bihom u lil min ghaddiehom. Process illi ma jirrizultax mill-atti.</u>**

Dan huwa l-ewwel nuqqas fic-chain of custody.

**A.2.2 Dwar il-mod kif tali reperti ghaddew minghand PS839 ghal ghand l-esperti tas-SOCO.**

In segwitu, referenza qieghda ssir kemm ghar-relazzjoni tal-esperti tas-SOCO 465 Daniel Abela kif ukoll PS826 Matthew Parnis.

PS465 permezz tar-relazzjoni tieghu mmarkata bhala Dok DA u ezebita a fol. 55 et seq. tal-atti processwali jirrelata illi:

*"Illi nhar id-19 ta' Frar, 2013 ghall-habta ta' 19:00hrs, l-esponenti gie nfurmat mill-Ispettur J. Mifsud sabiex jaccedi fil-post imsemmi. Ghaldaqstant sabiex jaqdi l-inkarigu lilu moghti, l-esponenti acceda fuq il-post tal-incident dakinhar stess ghall-habta ta' 20:00hrs. Prezenti fuq il-post kien hemm s-Sinjur Elton Cutajar ID143690(M), is-Sinjur Wayne Calleja ID 13197(M), l-espert tal-qorti li ha hsieb ix-xoghol tal-fotografija PS826 Matthew Parnis u l-Ispetturi J. Mifsud u D. Theuma"*[7]

Fuq l-istess linja, PS826 Matthew Parnis permezz tar-relazzjoni tieghu mmarkata bhala Dok MP u ezebita a fol. 62 et seq. ikkonferma illi:

> *"Illi nhar id-19 ta' Frar, 2013 ghall-habta ta' 19:00hrs, l-esponenti gie nfurmat mill-Ispettur J. Mifsud sabiex jaccedi fil-post imsemmi. Ghaldaqstant sabiex jaqdi l-inkarigu lilu moghti, l-esponenti acceda flimkien ma' PS465 Daniel Abela fuq il-post tal-incident dakinhar stess ghall-habta ta' 20:00hrs. Prezenti fuq il-post kien hemm l-ispettur Josric Mifsud innifsu, l-ispettur Dennis Theuma u s-Sur Wayne Calleja ID 13197(M)"*[8]

Illi ghalkemm jirrizulta miz-zewg relazzjonijiet illi l-esperti tal-qorti "gew indikati diversi affarijiet allegatament sustanzi illegali u affarijiet ohra relatati li kienu jinsabu go basket gewwa l-ufficcju tal-ispettur Josric Mifsud" minn imkien ma jirrizulta kif:

1. Dawn ir-reperti spiccaw gewwa l-ufficcju tal-ispettur Josric Mifsud.
2. Jekk tali reperti humiex l-istess reperti illi gew misjuba minn PC899 u PC660;
3. X'ghamel bihom ir-reperti PS839 Stephen Micallef;
4. Min kellu access ghal tali reperti wara li gew mghoddija lil PS839 Stephen Micallef; kif ukoll.

[7] A fol. 56 tal-Atti Processwali
[8] A fol. 64 tal-Atti Processwali

5. Jekk effettivament kienx PS839 Stephen Micallef illi ghadda ir-reperti ricevuti minnu lill-ispettur gewwa l-ufficju tieghu.

Dawn in-nuqqasijiet kollha jgibu fix-xejn ic-'chain of evidence'

Pero' dawn id-dubji serji f'din ic-'chain of evidence', certament ma jibqghux dubji fantomaci izda jsiru reali u attwali meta wiehed jifli r-relazzjonijiet tal-esperti tas-SOCO – PS465 Daniel Abela u PS826 Matthew Parnis.

Mir-relazzjoni ta' PS465 Daniel Abela jirrizulta illi fost id-diversi oggetti illi huwa gie ndikat, huwa iddokumenta dokument immarkat '13 AMN 201f' kontenenti Pakkett tas-sigaretti 'Pall Mall' kontenenti 10 blokok ta' 'resin' suspettata droga.

Dan jemergi wkoll mir-relazzjoni ta' PS826 Matthew Parnis. Fejn a fol. 69 tal-atti, fl-immagini mmarkat bhala 130326 13 AMN 104, jirrizulta pakkett tas-sigaretti 'Pall Mall' kontenenti 10 blokok ta' 'resin' suspettata droga.

Dan il-punt huwa ta' importanza assoluta ghas-semplici raguni illi kemm mill-PIRS report, kemm mix-xhieda ta' PS839 Stephen Micallef kif ukoll mill-ufficjali illi elevaw is-sustanzi mill-vettura tal-appellant, l-ebda wiehed minnhom ma jindika illi la minn fuq il-persuna tal-appellant, la minn gewwa l-vettura tieghu u lanqas mir-residenza tieghu ma gie elevat pakkett tas-sigaretti 'Pall Mall' kontenenti 10 blokok ta' 'resin' suspettata droga.

L-ewwel Onorabbli Qorti, kif jemergi minn fol. 18 tas-sentenza appellata, innutata din id-diskrepanza izda fl-umli fehma tal-esponenti, b'mod kompletament erronju, assumiet illi z-zewg stitkek allegati resina suspettata droga illi nstabu taht l-istereo tal-vettura spiccaw fil-pakkett tal-pall mall bi tmien stikek u allura dan spicca jikkontjeni 10 stikek resina suspettata droga.

Ta irrelevanza ghall-kuncett tac-'chain of custody' huwa li PS660 Alex Mifsud gharaf"il-pakkett tas-sigaretti Pall Mall li fih instabu s-sustanzi a fol. 70 tal-process…."

B'kull dovut rispett imma l-mertu tal-akkuzi migjuba kontra l-appellant ma jirrigwardjax il-pakkett tas-sigaretti tal-Pall Mall izda l-kontenut gewwa l-istess

pakkett. Certament illi PC660 ma setgha qatt jaghraf ir-ritratt a fol. 69 tal-atti processwali, ossia pakkett Pall Mall b'10 bicciet resin, ghax mid-deposizzjoni tieghu ma jirrizultax illi dan ir-repert gie elevat meta saret it-tifttxija fuq l-appellant u fil-vettura tieghu.

Dan kollu huwa aggravat mill-fatt illi kif jemergi mir-relazzjoni ta' PS839, il-fotografija ta' l-imsemmija sustanza ma saretx fil-presenza tal-appellant odjern

Il-pern ta' dan l-aggravju huwa s-segwenti:

1. Illi effettivament ma jirrizultax illi dak illi effettvimanent gie ddokumentat u ffotograffat mis-SOCO huwa l-istess repert elevat minn PC660 u minn PC899;
2. Illi kieku ghall-grazzja tal-argument kellna nassumu u xejn aktar illi l-kontenut tal-pakkett tas-sigaretti kien l-istess kontenut elevat minn gewwa l-vettura tal-appellant, mela allura jirrizulta illi xi hadd mhux maghruf kellu access ghal tali repert wara li l-istess repert ghadda ghand PS839, kkontamina l-evidenza, baghbas il-provi u pogga z-zewg blokok resina illi nstabu taht l-isterio tal-vettura gewwa l-pakkett tas-sigaretti.

Dan huwa nuqqas iehor fic-'chain of custody' tal-allegati sustanzi

**A.2.3 Dwar l-ezebiti analizzati mill-Ispizjar Godwin Sammut**

Minkejja n-nuqqasijiet fic-chain of custody hawn fuq indikati, minn analizi tal-atti processwali jirrizulta nuqqas skaccjanti iehor f'din l-istess '*chain of custody*'.

Mill-Process Verbal jirrizulta illi tali ezebiti ddokumentati fir-relazzjoni tal-espert tas-SOCO gew effettivament pprezentati flimkien mar-relazzjoni tal-istess espert, fatt illi jirrizulta minn fol. 59 tal-atti processwali:

> *"Illi l-oggetti kollha elevati qeghdin jigu pprezentati ma' din ir-relazzjoni"*[9]

Illi sussegwentament matul il-proceduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti gie mahtur l-ispizjar Godwin Sammut sabiex janalizza is-sustanza allegatament elevati minn gewwa l-vettura tal-appellant u jirrelata dwar l-istess.

Mir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut, senjatament mir-relazzjoni tieghu immarkata bhala Dok GS ezebita a fol. 141 et seq tal-atti processwali jirrizulta illi x-xjenzat Sammut gabar id-dokumenti illi effettivament huwa analizza minghand id-deputat registratur A. Azzopardi.

Kif jinkwadra dan A. Azzopardi ma jirrizultax mill-atti, lanqas fejn dan Azzopardi hazen tali reperti ma jirrizulta kif lanqas ma jirrizulta minn kellu access ghal dawn ir-reperti.

Dan kollu jorbot mal-oneru tal-Prosekuzzjoni illi tipprova chain of evidence cara minghajr ebda toqob u nuqqasijiet li joholqu diversi dubji.

Pero dan in-nuqqas jiehu xejra aktar gravi hekk kif wiehed ihares lejn Appendici 1 tar-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut a fol. 153 tal-atti processwali, dokument illi effettivament jikkostitwixxi f'submission form li giet iffirmata hekk kif A. Azzopardi ghadda l-ezebiti lix-xjenzat sabiex ikun jista' janalizzahom.

Minn qari tal-istess dokument jirrizulta illi x-xjenzat gabar l-ezebiti milli 'Atti tal-Inkjesta ta' droga go vettura **Ford** maghrufa bhala top of the world fil-Gharghur' (emfasi tal-appellant).

Minkejja dan kollu mid-deposizzjoni tal-ufficjali tal-RIU, PS660 u PC899, ossia iz-zewg ufficjali illi effettivament ghamel l-ispezzjoni u l-elevar tal-allegati drogi, jirrizulta illi tali ezebiti konnessi mal-proceduri illi qieghed jaffaccja l-appellant gew

[9] A fol. 59 tal-atti processwali

effettivament elevati minn vettura tal-ghamla Volkswagen u ma kellu l-ebda konnessjoni mal-vettura Ford illi nstabu xi sustanzi fiha u li sussegwentament gew analizzati mill-espert Sammut.

PC899 John Paul Vella xehed quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti nhar is-7 ta' Ottubru, 2015. PC899 xehed illi:

> *"Kien hemm vettura Volkswagen Golf bajda u zewg min-nies go fiha. X'hin waqafna biex naraw min kien hemm go fiha u x'kienu qed jaghmlu dawn dehru jahbu xi haga u nzilna biex inkellmuhom"*[10]

PC660 Alex Mifsud illi ddepona nhar is-16 ta' Dicembru, 2015 xehed illi:

> *"X'hin konna dehlin patrol nnutajna Volkswagen Golf bajda bin-numru ABP373"*[11]

Dan kollu juri kif jezistu dubji ragjonevoli illi, ghal kuntrarju ta' dak deciz u assunt mill-ewwel Onorabbli Qorti, id-droga analizzata mix-xjenzat Sammut mhiex l-istess sustanza illi nstabet fil-vettura tal-ghamla Volkswagen fil-vettura tal-appellant.

### A.2.4 Konkluzjoni

[10] A fol. 95 tal-Atti Processwali
[11] A fol. 116 tal-Atti Processwali

Tenut kont tas-su espost kollu, l-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta)[12] fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Joseph Tabone'** deciza nhar l-4 ta' Mejju, 2022:

> "Fil-fehma tal-Qorti hija nieqsa l-aħjar prova li jinsabu elenkati f'Dok. XX huma effettivament dawk li instabu fir-residenza tal-imputat għaliex ma xehed ħadd biex jikkonferma li l-oġġetti elevati mill-pussess tal-imputat huma l-istess oġġetti li ġew effettivament trasportati għal ġewwa l-kamra bin-numru 112 fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizja u li ġew elenkati mill-Perit Tekniku AIC Richard Aquilina fir-relazzjoni tiegħu u lanqas ġiet prodotta fl-atti riċevuta tal-oġġetti maqbuda mill-pussess tal-imputat meta sar l-aċċess fir-residenza tiegħu. Għalhekk hija l-fehma tal-Qorti li hemm ħolqa nieqsa fil-prova dwar ic-chain of custody tal-oġġetti allegatament misruqa."

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Fodie Keita'** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fit-30 ta' Jannar, 2019 (Att ta' Akkuza numru: 4/2015) gie kkunsidrat li:

L-ghan ewlieni ta' kull qorti ta' gustizzja penali huwa li tara illi l-akkuzat ikollu smigh xieraq. Meta process penali jwassal ghal dikjarazzjoni ta' htija msejsa fuq evidenza kontaminata, il-jedd ghal smigh xieraq ikun qed jigi vjolat. Madanakollu sabiex il-Qorti tasal biex tistabilixxi l-validita' tal-prova kostitwita b`dik l-evidenza jrid isir ezami tal-iter segwiet mill-mument illi dik il-prova ndizzjarja titfacca fil-kors tal-investigazzjoni tal-pulizija, kif u minn min tkun giet elevata, kif tkun giet

[12] Per Mag. Dr. R. Montebello

ippreservata u sussegwentement min ghamel l-ezamijiet forensici fuqha u b'liema mod, sabiex fl-ahhar issib postha quddiem il-Qorti.

…

> *However, the value of even the most carefully recovered and preserved evidence can be lost if the chain-of-custody is not properly maintained. "Chain-of-custody" is often recognized as the weak link in criminal investigations. It refers to the chronological and careful documentation of evidence to establish its connection to an alleged crime. From the beginning to the end of the forensic process, it is crucial to be able to demonstrate every single step undertaken to ensure "traceability" and "continuity" of the evidence from the crime scene to the courtroom. (Crime scene and physical evidence awareness for non-forensic personnel - United Nations Office on drugs and crime (2009))"*

In vista ta' dan it-taghlim gurisprudenzjali, tenut kont tan-nuqqasijiet hawn fuq indikati, tenut kont li certament ma jista' qatt jinghad illi ic-"chain of custody" hija wahda intatta u in vista tal-fatt illi tali vojt ma jista' qatt jigi mimmli b'assunzjonijiet u kongetturi, certament ma jistax jinghad illi gie ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi s-sustanza ezebita hija l-istess sustanza illi giet elevata mill-vettura tal-appellant u lanqas li d-droga analizzata mix-xjenzat Sammut hija l-istess sustanza misjuba fil-vettura tal-esponenti u konsegwentament ma setgha qatt jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

**B. <u>Dwar l-Applikabilita' tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Dan l-aggravju qieghed jitressaq 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravvji precedenti.

Jibda' biex jinghad illi, kif jirrizulta mill-atti processwali, fiz-zmien mertu tal-proceduri odjerni l-esponenti kien qieghed ibati mill-vizzju tad-droga.

Illi fl-umli fehma tal-esponenti, l-elementi kollha rikjesti mill-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta jikkonkorru fic-cirkostanzi tal-kaz *de quo* u konsegwentament fl-eventwalita' li l-aggravji precedenti jigu skartati, dina Onorabbli Qorti ghandha l-fakolta' li tikkonverti u tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Drogi.

Jigi mfakkar illi anke dina l-Onorabbli Qorti ghandha l-fakolta li tikkonverti ruhha u tassumi funzjoni ta' qorti dwar id-droga galadarba tkun konvinta li l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi jissussistu. Fid-dawl ta' dak hawn mistqarr, qieghda ssir referenza ghal sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Assistant Kummissarju) Norbert Ciappara v Mario Zammit'</u>** deciza nhar it-18 ta' Lulju, 2017 fejn il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi:

> ***"19. B'hekk il-ligi qed tikkontempla sitwazzjoni fejn, jekk qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, mhux necessarjament fl-ewwel stadju tal- proceduri kriminali, tkun sodisfatta illi jikkonkorru r-rekwiziti stipulati fl- istess artikolu, ghandha l-fakoltà li tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id- Droga bil-ghan illi tirrijabilita iktar milli tippenalizza lil min ikun akkuzat b'reati konnessi mad-droga. Permezz ta' din il-procedura l-akkuzat ikun jista' jibbenefika minn trattament, u piena, anqas milli kieku gie gudikat mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali talvolta, bhal fil-kaz prezenti jsir appell.***
>
> ***Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell u tirrispondi ghar-referenza tal- Qorti tal-Appell Kriminali billi tiddikjara li n-nuqqas tal-applikazzjoni fil- konfront ta' Mario Zammit tal-Artikolu 8 tal-Att numru 1 tas-sena 2005 f'dan l-istadju ta'***

***appell jkun leziv tad-dritt tieghu sancit bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni. "***

Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tikkonverti ruhha hekk kif mitlub, jehtieg illi jigu sodisfatti diversi elementi rikjesti mil-Ligi a bazi tal-artikolu 8 tal-Kap 537.

Ghall-ahjar kjarezza tal-hsieb, ghandu jigi pprecizat illi l-esponenti, quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti gia ghamel it-talba sabiex dik l-istess qorti tikkonverti ruhha u tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, madanakollu permezz ta' digriet ta' nhar it-30 ta' Settembru, 2020 l-ewwel Onorabbli Qorti cahdet tali talba.

Fil-fatt l-appellant jiccita minn tali digriet:

> *"Fl-ewwel stqarrija tieghu, mistoqsi ghaliex kien xtara l-cannabis, l-istess imputat iwiegeb "Nuza minnha u fl-istess hin naghmel profit". Huwa jindika xi spejjez kellu fiz-zmien in kwistjoni u ghall-mistoqsija "jigifieri int kont qieghed tbiegh il-kannabis sabiex taqta' dan id-dejn?", huwa jwiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi x'kien qed jiggwadanja mill-ftehim li kellu ma' terza persuna dwar l-allegat bejgh tad-droga, huwa jwiegeb "Inpejjep b'xejn u xi flus sabiex naqtha mid-dejn li ghandi".*
>
> …
>
> *Fid-dawl ta' dan kollu, ghalkemm il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-imputat kellu dipendenza fuq id-droga cannabis fiz-zmien tal-kaz odjern, mhijiex sodisfatta madanakollu illi dak li tehtieg il-ligi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 2 [sic] ossia illi r-reati li bihom mixli l-imputat huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza pruvata fuq id-droga tal-istess imputat. Fil-waqt illi m'hemmx dubju illi l-imputat kien, b'dak li kien qed jaghmel u kif*

*spjegat minnu stess fl-istqarrija tieghu, jakkwista d-droga ghall-uzu tieghu b'xejn, fl-istess waqt huwa kellu f'mohhu li jaqla' lira u jaghmel profit u dan sabiex ikun jista' jhallas l-ispejjez li huwa kellu fiz-zmien in kwistjoni"*

Illi minn qari ta' dan id-digriet supra citat, jirrizulta bl-aktar mod car illi l-ewwel Onorabbli Qorti cahdet it-talba tal-appellant sabiex tikkonverti f'qorti dwar id-droga a bazi tal-istqarrija rilaxxata mill-appellant stess nhar id-19 ta' Frar, 2013.

B'kull dovut rispett, imma kif sejjer jigi amplifat f'dan l-aggravju, l-ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet taghmel dan.

Ir-raguni ghala dan ma setgha qatt isehh taghtiha l-ewwel Onorabbli Qorti stess permezz tal-pagni minn 8 sa 15 tas-sentenza appellata.

In *poche parole*, fir-rigward tal-istqarriji rilaxxati mill-appellant, l-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi:

*"Fil-kaz odjern, huwa evidenti illi n-nuqqas li l-imputat jinghata l-jedd li jottjeni parir legali waqt l-interrogatorji tiegħi fid-19 ta' Frar 2013 u fl-20 ta' Frar 2013, inkluz ukoll meta xehed quddiem il-Magistrat tal-Ghassa fl-20 ta' Frar 2013, fejn ikkonferma l-istqarrijiet rilaxxjati minnu lill-Pulizija Ezekuttiva bil-gurament, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-ebda pregudizzju ghalih, stante li huwa ghamel dikjarazzjonijiet ferm inkriminanti, li wasslu sabiex huwa jigi akkuzat mhux biss bir-reati mertu tal-imputazzjonijiet (b) u (c), izda wkoll bir-reat mertu tal-imputazzjoni (a). Ghaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istess stqarrijiet mehuda lill-*

*imputat minghajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tieghu bhala nieqsa minn valur probatorju"*

Ghaldaqstant ix-xenarju huwa wiehed car: tali stqarrijiet ma kellhom ikollhom l-ebda piz probatorju.

Gialadarba tali stqarrijiet ma kellhom ikollhom l-ebda piz probatorju, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tichad it-talba tal-appellant sabiex tikkonverti ruha f'qorti dwar id-droga a bazi ta' dikjarazzjonijiet illi ghamel l-istess appellant f'dawn l-istqarrijiet.

Hija kontradittorja ghall-ahhar dak li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti.

Konsegwentament huwa propju a bazi ta' dan illi l-esponenti qieghed isostni illi tali digriet huwa wiehed null u ma ghandu jkollu l-ebda effett.

Konsegwentament ghandu jkollu opportunita' ohra sabiex jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti tikkonverti ruhha f'qorti dwar id-droga.

Rat l-atti tal-kawza inkluz id-dokumenti esebiti u ezaminat ix-xhieda imresqa.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tat-13 ta' Frar 2025 meta l-kawza giet differita gha-sentenza.

**Ikkunsidrat**.

Illi din il-Qorti sejra tibda billi tevalwa t-Tieni Aggravju mressaq mill-appellant u ċjoe' l-allegat nuqqasijiet marbuta mac-Chain of Custody u dan għar-raġuni illi f'każ illi din il-Qorti tilqa' dan l-aggravju, allura ma jkunx fadal utilita' li jiġu mistħarrġa l-aggravji l-oħra stante li l-ebda waħda mill-akkużi dedotti kontra l-imputat ma tirriżulta.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andrew Mizzi**[13].6 u fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs Fodie Keita**[14]7 din il-Qorti riteniet dwar il-kuncett ta' chain of custody li:-

> *"L-ghan ewlieni ta' kull qorti ta' gustizzja penali huwa li tara illi l-akkuzat ikollu smigh xieraq. Meta process penali jwassal ghal dikjarazzjoni ta' htija msejsa fuq evidenza kontaminata, il-jedd ghal smigh xieraq ikun qed jigi vjolat. Madanakollu sabiex il-Qorti tasal biex tistabilixxi l-validita' tal-prova kostitwita b`dik l-evidenza jrid isir ezami tal-iter segwiet mill-mument illi dik ilprova ndizzjarja titfacca fil-kors talinvestigazzjoni ta-lpulizija, kif u minn min tkun giet elevata, kif tkun giet ippreservata u sussegwentement min ghamel l-ezamijiet forensici fuqha u b'liema mod, sabiex fl-ahhar issib postha quddiem il-Qorti.*

F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel referenza ghal dak li gie rapportat minn Stefano Filleti fil-ktieb tieghu no 3 Criminal Law Book meta spjega li:-

> *The "chain of evidence" (sometimes referred to also as 'chain of custody of evidence') refers to a process used in the course of an investigation to document the handling of evidence from the scene of a crime to trial. The handling of the evidence, and the record of the handling, are essential to preserve the integrity of the evidence. It is equally essential to ensure that the evidence is not tampered with or tainted, rendering the evidence dubious, untrustworthy or prejudicial. Where the 'chain of evidence' is broken, and consequently the integrity of the evidence cannot be proven,*

[13] Deciza fit-8 ta Frar; 2024 Deciza mill-qorti tal-Appelli Kriminali
[14] Deciza fit-30 ta Jannar 2019 mill-Qorti tal-Aooelli Kriminali

*that evidence is deemed to be tainted. The obvious consequence is the expunging of the evidence as being inadmissible*

*…*

*Its handling must be verifiable and properly preserved until such time as they are produced in trial as evidence. The Criminal Court has had occasion to rule on the principle of chain of custody.*

*…*

*The reason for this principle is that integrity, authenticity and consequently the probative value of the evidence cannot be placed in doubt. The integrity of the evidence produced needs to be protected and The reason for this principle is that integrity, authenticity and consequently the probative value of the evidence cannot be placed in doubt. The integrity of the evidence produced needs to be protected and preserved.*

Fis-sentenza fl-ismijiet In **Repubblika ta' Malta vs Ray Schembri**[15] il-qorti iddefeniet it-tifsira ta' chain of custody billi qalet:

*"Il-principju tac-'chain of custody' daqskemm ic-'chain of evidence', jghid li huwa dritt sagrosant tal-akkuzat li jkollu garanzija tal-awtenticita' tal-provi pprezentati mill-Prosekuzzjoni kif ukoll tal-origini taghhom, ta' xi movimenti li dawn setghu ghamlu u tal-mod kif dawn gew ipprezervati mill-mument illi tali provi nstabu u/jew gew ikkompilati sal-mument illi l-istess gew ipprezentati bhala evidenza fil-proceduri quddiem il-Qorti"*

[15] Repubblika ta' Malta vs Ray Schembri deciza fil 5 ta' Septembrr 2023, mill-Qorti Kriminali

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Josef Majri**.[16] Ghal darb ohra gie enfasizzat li:

> *"Ma jrid jitħalla ebda dubju raġjonevoli f 'moħħ minn irid jiġġudika l-fatt dwar it-traċċjabilita tal-oġġetti jew dwar l-awtentiċità, l-integrità u l-kontinwità tagħha. Il-Prosekuzzjoni jeħtieġilha tipprova li dik l-evidenza li ġiet miġbura, maħduma u miżmuma b'mod integru millbidu tal-istħarriġ sal-fażi fejn tkun qed tiġi preżentata b'evidenza fil-Qorti"*

Issir referenza ukoll għas-sentenza mogħtija fil-5 ta Settembru 2023 deciza minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. James Zahra** fejn ghamlet referenza ghal sentenza ohra deciza fit-28 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Clayton Mc Kay** (Numru 1/2022) fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> *"32. Il-prinċipju tal-ħarsien tal-integrita' probatorja u proċesswali bit-tħaris taċ-chain of custody huwa fundamentali fil-kawżi kriminali. L-akkużat għandu jkollu garanzija tal-awtentiċita', integrita', u kontinwita' tal-provi ppreżentati mill-Prosekuzzjoni. Għandu jkollu jedd għal garanzija ta' kif tkun l-oriġini tagħhom, ta' xi movimenti li dawn setgħu għamlu u tal-mod kif dawn ġew ippreżervati mill-mument illi tali provi nstabu u/jew ġew ikkompilati sal-mument illi l-istess ġew ippreżentati bħala evidenza fil-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali.*
>
> *33. Ma jrid jitħalla ebda dubju raġonevoli f'moħħ min irid jiġġudika l-fatt li dik l-evidenza dejjem kienet traċċjabbli u li ma sfat qatt mibdula, mbagħbsa, mittiefsa jew meqruda minn terzi; altrimenti l-integrita' ta' dik il-prova u tal-proċess penali jistgħu jkunu ġew serjament kompromessi. Ikun għalhekk isegwi illi l-Prosekuzzjoni jeħtieġilha tipprova li dik l-evidenza li ġiet rakkolta, proċessata u kkustodita kienet*

[16] Deciza fit-28 ta Marzu 2023 mill-Qorti Kriminali

*awtentika u miżmuma b'mod integru fil-franġent ta' bejn dawn l-istadji ta' ġbir u preżervazzjoni għal mument ta' meta l-istess tiġi prodotta biex tintuża bħala evidenza fil-Qorti.*

*[...]*

*37. U minħabba l-importanza li tiġi stabbilita ttraċċjabilita' tal-evidenza, huwa neċessarju li, kull min b'xi mod kien involut fit-teħid u l-kustodja tagħha, jiġi mitlub biex jixhed dwar l-involviment tiegħu kif intqal.*

*Hekk biss l-akkużat jista' jkollu kontroll totali fuq l-integrita' ta' dik l-evidenza. Dan kien mistqarr fid- deċiżjoni* ***People v. Connelly***[17] *fejn intqal is-segwenti b' referenza għar-regola tac-'chain of custody:*

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat u tapplikah għal każ li dwaru qed tingħata din is-sentenza.

Illi din il-Qorti sejra tagħmel riassunt tal-fatti rilevanti għal dan l-aggravju.

Mill-proċess jirriżulta li fit-19 ta' Frar 2013, madwar l-4:00 p.m. sa l-4:20 p.m., PC 899 John Paul Vella u PC 660 Alex Mifsud kienu għaddejjin b'ronda fi Triq Għaxqet l-Għajn, il-Għargħur, magħrufa bħala "Top of the World". Huma nnutaw Volkswagen Golf bajda, bin-numru ta' reġistrazzjoni ABP 373, ipparkjata b'żewġ ġuvintur ġewwa. Meta dawn lemħu l-Pulizija, dehru ansjużi u bħal donnhom kienu qed jaħbu xi ħaġa. Għaldaqstant, il-Pulizija niżlu mill-vettura tagħhom biex jitkellmu magħhom.

Il-Pulizija nnotaw li Wayne Calleja, il-passiġġier, u Elton Cutajar, ix-xufier u l-imputat preżenti, kellhom tabakk imfarrak fuqhom. Barra minn hekk, ħdejn il-handbrake kien hemm nofs sigarett. PC 660 Alex Mifsud ra wkoll joint fuq it-tapit quddiem il-passiġġier. Minħabba s-suspett li setgħu kellhom droga fil-pussess tagħhom, l-

[17] 35 N.Y.2d 171, 174, 316, N.E.2d 706, 708, 359, N.Y.S.2d, 266, 269 1974

imputat u Calleja ġew mitluba jinżlu mill-vettura. Tfittxija fuqhom ma rriżultat fi xejn, iżda fi tfittxija fil-karozza fuq in-naħa tax-xufier instab pakkett tas-sigaretti Pall Mall li kien fih tmien stikek kannella. Instab ukoll kontenitur tal-plastik bil-kliem 'Ultimate Speed' li kien fih pouch iswed b'sittax-il pakkett ta' sustanza ħadranija, kif ukoll seba' pakketti tal-plastik vojta u grinder żgħir. Min-naħa tal-passiġġier, fuq it-tapit, instab joint ieħor, u taħt l-istereo, żewġ stikek oħra. L-imputat u Calleja ġew arrestati u trasferiti lejn l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar.

Illi PS 839 Stephen Micallef, li dak iż-żmien kien stazzjonat fl-Għassa tan-Naxxar kkonferma li l-imputat u Calleja ġew miżmuma hemm. L-imputat ta stqarrija lill-Pulizija wara li ġie mwissi skont il-liġi u ngħata d-dritt għal parir legali, li huwa eżerċita. Huwa ta stqarrija oħra l-għada, 20 ta' Frar 2013, wara li reġa' ingħata l-istess drittijiet, iżda din id-darba għażel li ma jieħux parir legali. Huwa kkonferma dawn l-istqarrijiet taħt ġurament quddiem il-Maġistrat (illum l-Onor. Imħallef) Dr. Doreen Clarke.

L-allura Supretendent Dennis Theuma xehed li l-imputat jista' jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Tfittxijiet saru wkoll fid-djar rispettivi tal-imputat u ta' Calleja, fejn ġew elevati diversi oġġetti relatati mad-droga. Fir-residenza tal-imputat instabu grinders, pipi, cigarette butts suspettati bħala joints, boroż tal-plastik bis-simbolu tal-cannabis, ħames pakketti riżla u diversi boroż oħra. Fir-residenza ta' Calleja nstabu haversack bi cigarette butts, grinder blu b'traċċi kannella, pipi ta' diversi kuluri, u bowl b'boroż tal-plastik vojta b'simboli smiley jew tal-marijuana. Instabet ukoll sustanza suspettata bħala raża tal-cannabis.

Il-proċess verbal tal-inkjesta, li ġie esebit fil-każ, juri li l-Maġistrat Inkwirenti Dr. Gabriella Vella ħatret esperti bħal Ispiżjar Mario Mifsud u PS 465 Daniel Abela u PS 826 Matthew Parnis bħala Scene of Crime Officers. Iżda, minħabba li Mario Mifsud irrinunzja l-inkarigu, l-Ewwel Qorti ħatret lix-Xjenzat Godwin Sammut minfloku.

Illi fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015, **PS 465 Daniel Abela** xehed li fid-19 ta' Frar 2013 għall-ħabta tat-8:00 p.m. huwa mar l-Għassa tan-Naxxar, fejn ġew indikati lilu sustanzi u oġġetti relatati mad-droga. Huwa ddokumenta individwalment dawn l-oġġetti skont il-kodiċi tal-Laboratorju Forensiku. Bl-istess mod fis-seduta tas-7 ta'

Ottubru 2015 **PS 826 Matthew Parnis** xehed li fl-istess ħin huwa kien preżenti u għamel 31 ritratt ta' evidenza relatata, kif ukoll 7 ritratti ta' basket ieħor fil-preżenza tal-imputat. Minn dawn iż-żewġ rapporti wieħed jinduna li l-allegat sustanza illeċita kienet ġiet mqegħda ġewwa l-uffiċju tal-Ispettur Josric Mifsud.

Ix-**Xjenzat Godwin Sammut** ippreżenta relazzjoni fejn ġew analizzati żewġ kaxxi ta' evidenza u sustanzi allegatament relatati mad-droga. Dawn l-oġġetti ġew eżaminati skont il-proċeduri tal-Laboratorju Forensiku biex jiġi vverifikat il-kontenut tagħhom u sussegwentement irriżulta li s-sustanza ta' lewn kannella kienet droga.

Illi huwa important li wieħed jindaġa sew kif is-sustanza allegatament droga mill-post fejn seħħ l-inċident waslet fl-uffiċju tal-Ispettur Josric Mifsud. F'dan ir-rigward xehed PC 660 Alex Mifsud fis-16 ta' Diċembru 2015 a fol 116 fejn qal li l-allegat droga ġiet elevata minn PC 899 u dan ħadha l-Għassa tan-Naxxar.

Illi f'seduta preċedenti, dik tas-7 ta' Ottubru 2015 a fol 95 kien xehed **PC 899 John Paul Vella,** iżda fix-xhieda tiegħu imkien ma qal li kien hu li eleva s-sustanza suspetta droga. Huwa qal biss "arrestajniehom, tajniehom il-*caution* u hadniehom l-għassa tan-Naxxar u nfurmajna lill-Ispettur tan-Naxxar, is-Sur Josric Mifsud li min-naħa tiegħu imbagħad informal il tad-Drug Squad". Fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2015 **PS 839 Stephen Micallef** a fol 111 xehed u qal li PC660 u PC 899 ippreżentawlu diversi oġġetti relatati mad-droga u li magħhom kienu ġabu lil Elton Cutajar u Wayne Calleja.

Illi dan huwa l-ewwel nuqqas tal-prosekuzzjoni marbuta mac-Chain of Custody. Jekk kien proprju PC 899 John Paul Vella li eleva d-droga u ħadha l-Għassa tan-Naxxar, huwa kellu jikkonferma dan bil-ġurament tiegħu u kellu ukoll jikkonferma li kien hu li poġġiha fl-uffiċju tal-Ispettur u jispjega minn kellu aċċess għal dik il-kamra sakemm waslu PS 465 Daniel Abela u PS826 Matthew Parnis li imbagħad elevaw id-droga. Ix-xhieda ta' PC 660 Alex Mifsud weħedha mhux suffiċjenti u ċertament ma hijix l-aqwa prova. Huwa aktar tfixkil ix-xhieda ta' PS 839 Stephen Micallef meta qal li l-oġġetti inġabu miż-żewġ kuntestabbli PC 899 u PC 660 meta PC 899 ma semma' xejn rigward il-fatt li huwa eleva d-droga waqt li PC 660 qal li kien PC 899 li eleva d-droga.

Illi t-tieni nuqqas marbuta mac-Chain of Custody huwa riavviżat meta x-xjenzat Godwin Sammut ġie awtorizzat sabiex jeleva s-sustanza suspetta droga u jwettaq it-testijiet neċessarji sabiex jikkonstata jekk dik is-sostanza misjuba hijix effettivament droga u f'każ affermattiv il-purita' tagħha. Huwa irtira l-eżebit mingħand Andre Azzopardi liem eżebit kien fl-"Atti tal-Inkjesta dwar Sejba ta' droga ġo vettura <u>Ford</u> magħrufa bħala Top of the World fil-Għargħur 19/02/2013". (enfasi ta' din il-Qorti). Hawnhekk għal ewwel darba u b'mod anke inspjegabbli jirriżulta a fol 153 li din id-droga kienet instabet ġewwa vettura tat-Tip Ford. Illi mix-xhieda tal-uffiċjali kollha involuti, l-imputat u Wayne Calleja instabu ġewwa vettura tat-Tip Volkswagen. Illi din it-tip ta' vettura ma tirriżulta minn ebda att ieħor f'dawn il-proċeduri.

Illi din il-Qorti ma tistax hi tassumi li dan huwa sempliċiment żball tal-pinna kif qiegħed jipprova jgħid l-Avukat Ġenerali. Din il-Qorti ma tista' qatt tassumi fatt u kwalsiasi dubbju għandu jmur favur l-imputat – *in dubio pro reo.* Illi jirriżulta għalhekk li f'dawn il-proċeduri hemm nuqqasijiet serji marbuta maċ-Chain of Custody u għalhekk din il-Qorti sejra tilqa' dan l-aggravju. Għalhekk ġialadarba qiegħed jintlaqa' dan l-aggravju tal-appellant, ir-rapport ta' espert Godwin Sammut qiegħed jiġi skartat u mhux sejjer jingħata ebda piż probatorju. Konsegwentement imbagħad allura f'dawn il-proċeduri mkien ma jirriżulta li s-sustanza fil-pussess tal-imputat kienet tabilħaqq droga illeċita. Anqas hemm ħtieġa li jiġu mistħarġa l-aggravji l-oħra imqajma mill-imputat ġialadarba t-Tieni Aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

Fid-dawl ta' din il-konkluzjoni din il-Qorti qeghda tilqa' l-appell tal-appellant Elton Cutajar u tiddikjara li qed tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat li ma kienx ħati tal-imputazzjoni (a) miġjuba kontra tiegħu u qeghda tirrevokha fir-rigward is-sejbien ta' ħtija tal-imputtazzjoni (b), (c), (d) u (e) dedotti kontra tiegħu u ghalhekk qeghda tiddikjara lill-akkuzat mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**